MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1167/2010

**IL-PULIIZJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**

**KONTRA**

**LOURDES (MARIA LOURDES) SCHEMBRI ta’ 34 sena, bint Grezzju u Victoria nee’ Bonanno, imwielda Tal-Pieta’ nhar it-03.07.1976, residenti fil-fond 331, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 373576M;**
**U CHARLENE SALIBA ta’ 20 sena, bint Anthony u Josephine nee’ Gerada, imwielda Tal-Pieta’ nhar is-27.04.1990, residenti Binja 21 ta’ Settembru, 1964, Ent B, Flat 2, Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 206690M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **LOURDES (MARIA LOURDES) SCHEMBRI** u **CHARLENE SALIBA** li gew akkuzati talli:

1. Nhar is-6 ta' Awwissu, 2010 ghall-habta tas-2pm, gewwa l-fond Defort, Vjal Portomaso, San Giljan, ikkommettew serq ta' flus, ghad-detriment ta' Giuseppe Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur jaqbez il-€234.94 imma mhux €2,329.40 u bil-persuna.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, u kif ukoll illi l-imputati t-tnejn li huma ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni ghall-istess;

Rat l-ammissjoni bikrija taghhom fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li nghataw zmien xieraq mill-Qorti sabiex jergghu jahseb dwar l-istess.

Rat li r-res furtiva giet ritornata b'mod immedjat, kif ukoll illi m'ghandhomx fedina penali refrattarja

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli 267 u 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputati hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom, u qieghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------